MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 242/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Hersey)**

**vs**

**Carmelo Zarb**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Frar, 2001 ghall-habta tad-9.10 a.m. fis-Salina, u f'hinijiet u fi bnadijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, ippermetta lil George Sammut isuq vettura nru. JCY-883 meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru,**

**2004, li biha wara li rat l-artikoli 3,2,12 tal-Kap 104 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal mitejn lira Maltija multa (LM200) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sena.**

**Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah mill-akkuza dedotta kontrih.**

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat l-aggravju tal-appellant.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih iddikjarat li l-aggravju ghandu jigi akkolt, in vista tal-fatt illi l-artiklu tal-ligi li kellu japplika f'dan il-kaz kellu jkun primarjament l-Artiklu 12 tal-Kap.104 illi espressament jelenka cirkostanzi li jezoneraw mir-responsabbilita kriminali taht l-Artiklu 3 (1) tal-Kap.104 u dan anke fid-dawl tal-gurisprudenza in materja kif icitat mid-difiza tal-appellant u li ghaldaqstant, peress illi l-fatti inkontestati ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhom perfettament taht din il-posizzjoni legali u guridika l-prosekuzzjoni kienet qed taqbel li l-aggravju hu wiehed gustifikat.**

**Peress illi din il-Qorti tikkondividi l-kontenut ta' dan il-verbal dwar il-posizzjoni legali u ghalhekk tqies li l-appell huwa gustifikat, tilqa' l-istess u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant mill-akkuza dedotta kontra tieghu u mill-piena fuqu nflitta ta' mitejn lira (LM200) multa u l-iskwalifika milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghall-sena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------